Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2153

29.9.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2153

tat-28 ta' Settembru 2026

li tippermetti lis-Slovakkja tawtorizza prodotti bijoċidali li jkun fihom l-ossidu tal-etilen għall-protezzjoni tal-wirt kulturali

(notifikata bid-dokument C(2026) 6723)

(It-test bis-Slovakk biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 55(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Permanenti għall-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) L-ossidu tal-etilen fit-tip ta' prodott 2 (diżinfettanti u alġiċidi li mhumiex maħsuba għall-applikazzjoni diretta fuq il-bnedmin jew l-annimali), kif definit fl-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġie inkluż fil-programm ta' ħidma għall-eżaminazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi eżistenti kollha li hemm fil-prodotti bijoċidali msemmija f'dak ir-Regolament, kif stabbilit fl-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 ([2]). Fl-1 ta' Diċembru 2009 tressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-ossidu tal-etilen fit-tip ta' prodott 2.

(2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1074 ([3]) sabet li l-prodott rappreżentattiv inkluż fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni ma kienx fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u li, għaldaqstant, kien jixraq li l-ossidu tal-etilen ma jiġix approvat bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2.

(3) F'konformità mal-Artikolu 55(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fid-9 ta' Diċembru 2025, is-Slovakkja ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għal deroga mill-Artikolu 19(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament biex titlob li titħalla tawtorizza prodotti bijoċidali li fihom l-ossidu tal-etilen għall-protezzjoni tal-wirt kulturali, inkluż għall-protezzjoni ta' materjal tal-arkivji.

(4) Skont l-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja, l-użu tal-ossidu tal-etilen hu essenzjali għall-protezzjoni ta' materjal tal-arkivji u oġġetti oħra ta' wirt kulturali għax jidher li hu l-unika teknika effiċjenti li tikkontrolla varjetà ta' pesti li jistgħu jheddu dak il-materjal. Il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika hija waħda mill-fatturi mill-aktar riskjużi li jheddu ċerti oġġetti tal-wirt kulturali. Il-kontaminazzjoni bijoloġika attiva tagħmel il-ħsara lill-materjali affettwati għax issirilhom degradazzjoni qawwija tal-funzjonalità, b'telf tas-saħħa, bidla fil-kulur jew bil-formazzjoni ta' tbajja' tal-kulur. Skont is-Slovakkja, għall-persuni li jimmaniġġjaw dawk il-materjali (arkivisti, librara, restoraturi, riċerkaturi jew impjegati oħra), iż-żieda fil-kontenut tal-ispori tal-mikroorganiżmi fl-arja tirrappreżenta fattur mill-aktar sfavorevoli li jikkaġuna allerġiji, bronkite u diffikultajiet patoloġiċi oħrajn. Riskju sinifikanti hu t-tixrid tal-kontaminazzjoni u t-theddida għal kollezzjonijiet sħaħ. Jekk oġġett ikkontaminat ma jiġix trattat biżżejjed, dan jista' jsir sors ta' tixrid tal-kontaminazzjoni lejn oġġetti oħra fil-kollezzjoni li ma jkunux ikkontaminati. Skont is-Slovakkja, fil-mużewijiet, fl-arkivji, u fil-galleriji fejn l-oġġetti jinħażnu qrib xulxin, kontaminazzjoni mhux ikkontrollata tista' teqred malajr għadd kbir ta' artefatti ta' valur b'effett domino.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2014 tal-4 ta' Awwissu 2014 dwar il-programm ta' ħidma għall-evalwazzjoni sistematika tas-sustanzi attivi bijoċidali kollha li jeżistu fil-prodotti bijoċidali msemmijin fir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 294, 10.10.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2014/1062/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1074 tat-2 ta' Ġunju 2025 li ma tapprovax l-ossidu tal-etilen bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 2 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilll (ĠU L, 2025/1074, 3.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1074/oj).

(5) Skont is-Slovakkja, m'hemm l-ebda alternattiva xierqa għat-trattament tal-oġġetti tal-wirt kulturali, inkluż materjal tal-arkivji. Fir-rigward tal-materjal tal-arkivji, it-tneħħija tat-trab u l-illustrar bl-etanol huma effettivi biss għal kontaminazzjoni lokalizzata u tal-wiċċ u mhux għal kontaminazzjoni interna, jistgħu jbiddlu ċerti linek u pigmenti, jeħtieġu trattament twil u delikat, u għalhekk mhumiex adattati għat-trattament ta' infestazzjoni fungali mill-aktar volumenuża. L-anossija hija effettiva kontra l-insetti iżda mhix effettiva kontra l-moffa u l-batterji. Ir-radjazzjoni gamma hija diffiċli biex tiġi replikata għax teħtieġ tagħmir speċifiku. Barra minn hekk, ir-radjazzjoni gamma jidher li tikkawża degradazzjoni sinifikanti taċ-ċelluloża, u b'hekk tnaqqas ferm l-istabbiltà u d-durabbiltà tad-dokumenti. Tekniki b'temperatura baxxa (iffriżar) jistgħu jwaqqfu t-tkattir tal-moffa iżda mhumiex effettivi kontra l-ispori.

(6) Kif indikat mis-Slovakkja fl-applikazzjoni, il-prodotti li fihom l-ossidu tal-etilen jintużaw bil-fumigazzjoni minn professjonisti mħarrġa. Minħabba l-proprjetajiet perikoluži tal-ossidu tal-etilen, id-diżinfezzjoni bi prodotti li fihom dan l-ossidu tal-etilen issir biss fi kmamar tal-fumigazzjoni esklużivament f'faċilitajiet speċjalizzati li josservaw regolamenti stretti tas-sikurezza u standards ambjentali. Kull waħda mill-faċilitajiet operattivi mibnija apposta tinkludi abatur, li jevita l-emissjonijiet tal-ossidu tal-etilen fl-atmosfera. Wara d-diżinfezzjoni, tiġi implimentata fażi meħtieġa ta' ventilazzjoni twila biżżejjed biex jitneħħew ir-residwi tal-gass mill-oġġetti. Sakemm jiġu segwiti l-proċeduri ta' kontroll, ir-regolamenti u l-istruzzjonijiet tal-persunal kollha, l-użu ta' din it-teknoloġija hu sikur.

(7) L-informazzjoni u l-ġustifikazzjoni li hemm fl-applikazzjoni tas-Slovakkja juru li l-użu tal-ossidu tal-etilen hu essenzjali għall-protezzjoni tal-wirt kulturali u li m'hemm l-ebda alternattiva xierqa għat-trattament tal-oġġetti tal-wirt kulturali fis-Slovakkja, għax it-tekniki alternattivi kollha disponibbli bħalissa mhumiex effettivi biżżejjed jew jistgħu jikkawżaw ħsara lill-materjal trattat.

(8) Abbażi tal-informazzjoni u l-ġustifikazzjonijiet ippreżentati fl-applikazzjoni tas-Slovakkja, jixraq jiġi konkluż li l-ossidu tal-etilen hu essenzjali għall-protezzjoni tal-wirt kulturali fis-Slovakkja u li bħalissa m'hemm l-ebda alternattiva xierqa disponibbli. Għaldaqstant, is-Slovakkja jenħtieġ li titħalla tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq u l-użu ta' prodotti bijoċidali li fihom l-ossidu tal-etilen għall-protezzjoni tal-wirt kulturali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Slovakkja tista' tawtorizza prodotti bijoċidali li jkun fihom l-ossidu tal-etilen għall-protezzjoni tal-wirt kulturali sal-31 ta' Lulju 2031.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovakka.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2026.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni